**17 ta' Diċembru, 1965.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. J.J. Cremona, B.A., LL.D., D.Litt. (Rome) B.A. Hons. (Lond.) (Ph.D.) Lond. F.R.Hist.) A/President.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**
**Onor. Prof. Jos. Henry Xuereb, LL.D.**

Rosario Pulis

*versus*

Benigno Gatt.

**Appalt — Sospensjoni ta' Danni —**

*Għalkemm il-liġi tagħna (Art. 1731 Kodiċi Ċivili) bħal liġi franċiża, u dik taljana, tittratta espressament l-appalt a misura għall-finijiet tal-passaġġ tar-riskju mill-arteficì għall-kommittent (fejn għal dak il-fini tekwiparah għall-appalt meta x-xogħol ikun jikkonsisti f'iżjed minn biċċa waħda) bl-ebda mod pero ma tiddistingwieh għall-finijiet tal-konsegwenzi ġuridiċi li jitnisslu mix-xoljiment tal-appalt ad arbitrju tal-kommittent.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur, wara li ppremetta li l-konvenut inkarika lilu jagħmillu xogħol ta kostruzzjoni ta' flats u garages f'Borg Street, Fleur-de-Lys, Birkirkara, skond skrittura tat-tnejn April, 1960 (Dok. A); illi l-attur beda jagħmel dan ix-xogħol u kien laħaq għamel ħafna mill-kostruzzjoni ta' dawn il-postijiet, meta l-konvenut għall-ebda raġuni valida, irrevokalu l-mandat u ma ħalliehx ikompli jaħdem; illi l-attur, b'ittra uffiċjali tat-tmienja u għoxrin ta' Marzu, 1960 interpella lill-konvenut biex jiddikjara jekk huwa sejjer iħallih ikompli x-xogħol u fin-nuqqas interpellah iħallas tax-xogħol kollu li kien għamel, flimkien ma' kumpens skond l-art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili; illi l-konvenut ma rrisponda xejn, anzi kompla x-xogħol hu stess; — talab li dik il-Qorti, okkorendo permezz ta' periti nominandi tordna l-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż kollha u tal-valur tax-xogħol kollu li l-attur laħaq għamel kif fuq imsemmi, flimkien ma somma oħra dovuta lill-attur bħala kumpens imħabba li l-konvenut irrevoka l-inkariku li hu kien ta' lill-attur, u tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-attur dawn l-ammonti fuq imsemmija likwidati favur tiegħu — bl-imgħax kummerċjali u bl-ispejjes.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa li d-domandi ta' l-attur huma nfondati peress li ma kienx kaġun illi l-appalt in kwistjoni ma setax ikompli jieħu kors.

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tad-disgħa u għoxrin ta' Lulju, 1960 li bih l-A.I.C. Carmelo Falzon ġie nominat perit biex jirrelata dwar id-domandi ta' l-attur wara li jkun ħa in konsiderazzjoni l-eċċezzjoni tal-konvenut u biex jirrelata speċjalment fuq il-punt jekk kienx il-konvenut li ħall l-appalt u dan għall-fini ta' l-artikolu 1734 tal-Kodiċi Ċivili, u fil-każ li jkun hemm bżonn, dwar il-profitt li raġonevolment l-attur

kien jistenna li jagħmel mill-appalt in kwistjoni.

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi AI.C. Carmelo Falzon maħlufa fit-tlieta ta' Diċembru, 1964 flimkien mal-verbali tas-seduti miżmuma quddiemu.

Rat is-sentenza ta' l-istess Qorti fuq imsemmija, mogħtija fil-ħmistax ta' Ġunju 1965, li biha kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont minnha likwidat ta' mitejn u tlieta u disgħin lira u żewġ xelini (£293.2.0) bl-imgħax kummerċjali mill-ġurnata tas-sentenza u f'dan is-sens ipprovdiet fuq it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra l-konvenut wara li kkunsidrat:—

. . . OMISSIS . . .

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu għar-revoka tal-imsemmija sentenza u ċ-ċaħda tad-domandi tal-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.

Rat ir-risposta tal-appellat li qal li dik is-sentenza hija ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant.

Rat l-attijiet kollha tal-kawża, semgħet lid-difensuri tal-kontendenti u kkunsidrat:—

Illi din il-Qorti ma ssibx raġuni biex tiddissenti mill-konklużżjonijiet raġġunti mill-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza tant għal dak li hemm esposizzjoni u apprezzament ta' fatti kemm għal dik li hi applikazzjoni ta' dritt.

Illi għal dak li hu dritt, l-appellant reġa' quddiem din il-Qorti kkontenda illi n-negozzju ġuridiku ntervenut bejn il-partijiet ma kienx jew mhux ċar li kien appalt. Fil-fatt hu

għamel l-istess ħaġa quddiem l-ewwel Qorti, għalkemm fin-nota tal-eċċezzjonijiet irreferixxa espressament għal "appalt in kwistjoni" u fin-nota tal-osservazzjonijiet a fol. 59 assuma bl-aktar mod ampju l-appalt, u verament anki fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti spiċċa biex ammetta illi si tratta ta' appalt. Hu wasal ukoll biex jgħid fil-petizzjoni tal-appell li s-sentenza appellata biddlet f'dan ir-rigward il-kawżali tad-domanda u jidher li naqas jikkunsidra li fiċ-ċitazzjoni ġie espressament ċitat l-artikolu 1734 tal-Kodiċi Ċivili li jittratta l-appalt. Tabilħaqq din il-Qorti ma' tistax ma tikkonstatax illi jikkonkorru fil-każ in eżami l-elementi tal-appalt.

Illi l-appellant pero jiġbed distinzjoni bejn l-appalt "ad opera compiuta" u dak "a misura" u jissottometti illi se mai hawn si tratta ta' appalt "a misura" li jġib għall-likwidazzjoni differenti għall-finijiet tad-domandi attriċi.

Illi verament fost id-diversi tipi ta' appalt hemm dak **per aversionem**, jew kif jgħidulu li skritturi franċiżi "a forfait", fejn l-opera tiġi eżegwita bħala korp u l-prezz hu uniku, fiss u invarjabbli, u hemm ukoll l-appalt "a misura" imsejjaħ ukoll "a prezzi unitari" fejn il-prezz hu determinat fuq il-bażi tal-kejl;

Illi għalkemm il-liġi tagħna (art. 1731 Kodiċi Ċivili), bħal-liġi franċiża u dik taljana, tittratta espressament l-appalt "a misura" għall-finijiet tal-passaġġ tar-riskju mill-artefiċi għall-kommittent (fejn għal dak il-fini tekwiparah għall-appalt meta x-xogħol ikun jikkonsisti f'iżjed minn biċċa waħda), bl-ebda mod pero ma tiddistingwieh għall-finijiet tal-konsegwenzi ġuridiċi li jitnisslu mix-xoljiment tal-appalt ad arbitriju tal-kommittent.

Illi din il-Qorti taqbel ukoll mal-likwidazzjoni tas-somma dovuta lill-attur appellata għar-rigward tal-bilanċ tax-

xogħol tal-pedamenti imma tħoss li hemm lok għall-varjazzjoni fl-ammont likwidat taħt l-artikolu 1734 tal-Kodiċi Ċivili billi dan jiġi ridott għal mitejn lira (£200) in vista ta' kif ġia qalet l-ewwel Onorabbli Qorti l-attur ma tilefx żmien biex jaqbad xogħol ieħor u, dak, li ma semmiex u għandu ċerta importanza, l-attur ġie ħeles ukoll minn kull responsabbiltà għal futur dwar xi difetti fil-kostruzzjoni. B'dan il-mod l-ammont totali dovut lill-attur hu ta' mitejn u disa' u għoxrin lira u tnax-il-xelin (£229.12.0).

Għal motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell fis-sens biss li tirriforma s-sentenza appellata billi tillikwida l-ammont komplessiv dovut mill-konvenut lill-attur għar-raġunijiet dedotti fiċ-ċitazzjoni fl-ammont ta' £229.12.0 bl-imgħax kummerċjali mil-lum u tiċħad in kwantu dik is-sentenza llikwidat ammont superjuri. L-ispejjeż tal-ewwel istanza jitħallsu mill-konvenut, neħħi, erba liri (£4) li jitħallsu mill-attur; dawk ta' din l-istanza jitħallsu kwint (1 5) mill-attur u erba' kwinti (4/5) mill-konvenut.